MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2009

Numru. 1321/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Conrad Galea ta’ 34 sena iben Joseph u Agnes xebba Stivala, imwieled Sta. Lucia, fl-14 ta’ Gunju, 1975 u residenti 48, Triq il-Kbira, Gudja, detentur tal-karta tal-identita’ numru 312175M**

Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat Conrad Galea u cioe’ talli fil-Belt Valletta, f’Bormla u fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, nhar it-18 ta’ Dicembru, 2009, u fix-xhur ta’ qabel b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda;

1. ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq persuna taht l-eta u cioe` fuq Celine Rahim Debono ta' 12 il-sena;

2. u aktar talli b'eghmil zieni, ikkorrommpa lill-istess Celine Rahim Debono ta' 12 il-sena;

3. u aktar talli fl-istess hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi, b'xi mezzi barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), eccita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta' Celine Rahim Debono persuna taht l-eta;

4. u wkoll talli fl-istess hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali kwazi netta tal-imputat u fuq kollox il-fatt illi l-imputat ikkollabora mal-pulizija u ddispjacih ta' dak illi ghamel. Il-Qorti madankollu twissi lill-imputat illi jekk dawn il-fatti jirrepetu ruhhom l-Qorti ma hijiex ser tkun klementi mieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 203, 203A, 207 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' ssib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-

artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq mghamula qed jigu sospizi ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412 tal-Kap 9 tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Celine Rahim Debono u l-familja taghha u dan ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti tordna li l-atti kollha tal-kawza u kopja tas-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------